MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 17/2009

**Avon Theuma**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Novembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali datata 8 ta' Lulju 2009.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.

Ra r-Risposta tad-Direttur datata 3 ta' Novembru 2009, flimkien mad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra r-rapport ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-8 ta' Lulju 2009, id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda illi l-appellanti ma kenitx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali peress illi d-Direttur ma kienx sodisfatt li kienet qed tabita fl-indirizz moghti minnha.

Illi jirrizulta car mir-rapport ferm dettaljat ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet li l-appellanti ma tabitax fl-indirizz moghti minnha, u ghalhekk id-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi kkonfermata.”

Minn din is-sentenza appellat ir-rikorrenti Avon Theuma. L-aggravju taghha huwa koncepit fis-sens illi l-Arbitru ma kien messu qatt jistrieh fuq ir-rapport ta’ l-ispetturi tad-Direttorat, senjatament l-i*spot checks* minnhom kondotti biex jasal ghall-konfort tal-prova li persuna tabita jew ma tabitax f’fond jew iehor;

L-atti juru li fit-8 ta’ Lulju, 2009 d-Direttur iddecieda li l-appellanti ma kienetx aktar intitolata ghall-Ghajnuna Socjali ghaliex hu ma kienx sodisfatt illi l-beneficjarja kienet qed tabita fl-indirizz moghti minnha, ossija l-fond li skond id-dikjarazzjoni taghha fl-Area Office (25 ta’ Jannar, 2009) hi tghid li kien r-residenza l-gdid taghha. Huwa indikat ukoll mill-istess atti (ara r-risposta tad-Direttur

ghall-appell intodott mill-beneficjarja quddiem l-Arbitru) illi d-Direttur immotiva dik id-decizjoni tieghu tat-twaqqif tal-ghajnuna fuq il-bazi tar-rapport li d-Dipartiment kien irceva minghad id-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet;

Hi karatteristika tal-kazijiet ta' din ix-xorta, hekk unikament bazati fuq il-fatti, illi dawn isegwu s-solitu perkors ta' stharrig u ta' gudizzju bil-mod infraskritt:-

1. Jikkompeti *in primis* lill-Arbitru li jinvestiga jekk id-Direttur ezercitax kif jixraq il-poter diskrezzjonali tieghu biex wasal ghad-decizjoni proprja:-

2. Jispetta mbaghad lil din il-Qorti li taccerta u tassikura jekk minn naha tieghu l-Arbitru mexiex *rite* u *recte* fit-tfassil tad-decizjoni tieghu, u, allura, jekk kienux jezistu ragunijiet validi biex l-Arbtiru jissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-Direttur b'dik tieghu, favorevoli ghall-appellanti;

Huwa qabel kollox utli li jigi osservat illi, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti, ir-rapport ta' l-ispetturi investigattivi fid-Direttorat tal-Frodi ma llimitax ruhu ghall-konstatazzjoni ta' l-i*spot checks* li fihom, fid-dati rilevanti – 20, 22, 26 u 27 ta' Mejju, 2009 – u fil-hinijiet differenti indikati, l-ispetturi ma sabu 'l hadd meta accedew fuq il-fond. Ta' aktar rilevanza huma l-verifiki ssenjalati illi meta effettivament irnexxielhom jidhlu fil-fond wara telefonata appozita lill-appellanti, instab li ma kien hemm xejn x'jindika illi l-fond kien qed iservi ghal skop tar-residenza ta' l-appellanti u tal-familja taghha. Ad ezempju, fil-kcina ma kienx hemm *cooker* u l-*fridge* kienet kwazi vojta, ghajr ghall-bott halib u landa *lunchenmeat* li lanqas biss kienu miftuha. Ukoll, instabu fil-kamra tas-sodda hwejjeg ta' l-irgiel u ohrajn assocjati ma' tarbija ta' ftit xhur, bl-ebda affinita mat-tarbija ta' 10 xhur ta' l-istess appellanti. Fuq kollox, gie wkoll determinat mill-Common Database ezaminat illi fil-fond kienet effettivament toqghod koppja ta' nazzjonalita Ciniza flimkien ma' bint l-istess koppja;

Markatament, il-konvinzjoni li titnissel minn dak ir-rapport hi dik illi fil-fond spezzjonat ma kien hemm xejn indikattiv illi dik kienet ir-residenza fejn l-appellanti suppost li organizzat hajjitha. Veru li kien hemm apparenza ta' okkupazzjoni izda mbaghad jezisti dubbju qawwi kemm dak ix-xi hadd okkupant kienet l-appellanti. Veru wkoll illi l-Identity Card ta' l-appellanti kienet turi l-indirizz ta' dak l-istess fond spezzjonat imma dan il-fatt wahdu, ghalkemm korroborattiv ta' residenza, mhux lanqas necessarjament u bilfors konklusiv. Anzi, kif jinzel oggettivament mill-kumpless tal-fatti u tac-cirkustanzi l-ohra stabbiliti, l-inferenza l-aktar presumibbli u verosimili hi dik li l-appellanti ma kienetx qed toqghod f'dak il-fond;

Taht dan il-profil, u fl-assenza wkoll da parti ta' l-appellanti li adegwatament turi l-inkongruwenza u l-illogicita tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata, mhux ghal din il-Qorti li ticcensura u li tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni taghha. Dan anke ghaliex ic-certezza morali tal-Qorti ma twassalx ghal konvinciment divers minn dik ta' l-Arbitru jew tad-Direttur qablu.

Ghal motivi kollha premessi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jibqghu, kif konswet, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------